# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

### GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Gunju 2002

### Avviz numru : 54/2002GT(GM)

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Doreen Grima**

It-Tribunal ,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Il-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u sebghin lira u 12-il centezmu kif jirrizulta mir-rezokont tal-kont numru 4001140077-2 hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A" kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza u peress illi l-konvenuta rrifjutat illi thallas dan l-ammont dovut, is-socjeta' attrici nkorriet spejjez legali li jammontaw ghal tnax-il lira u 40 centezmu (Lm12.40) ghall-ispedizzjoni ta' ittra ufficjali fl-20 ta' Marzu 2002 u dana anke kif jirrizulta mir-rezokont anness bhala Dok. "B".

Ra r-risposta:

"It-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati peress illi l-konvenuta kienet tat istruzzjonijiet lill-istess socjeta' sabiex ic-'cheque' in kwistjoni ma jigix onorat, u dana peress li l-ammont ma kienx dovut, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza. Dawn l-istruzzjonijiet gew injorati mill-istess socjeta' attrici, u ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda."

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri;

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti: il-konvenuta marret gewwa fergha tal-Bank, sabet kaxxier, talbitu biex

taghmel *stop-payment* ghax dehrilha li kienet sejra thallas indebitament, u giet infurmata li skond il-prattika tal-bank, *stop-payment* jista' jsir biss kemm-il darba c-cekk jigi misruq jew jintilef. Ghalhekk il-konvenuta dakinhar stess irtirat il-parti l-kbira tal-flus li kellha fil-kont taghha b'mod li l-bilanc ma kienx ikopri c-cekk. Il-Bank xorta wahda onora c-cekk u ddebita l-kont tal-konvenuta.

Illi l-kwistjoni hija wahda ta' natura legali u cioe' dwar jekk klijent ta' bank li johrog cekk favur persuna jistax jordna l-bank biex ma jsarrfux – dak li popolarment jissejjah ***stop payment*** u jekk galadarba l-bank isarrfu nonostante tali ordni ghandux jedd jiddebitalu l-kont, partikolarment kemm-il darba l-klijent ma jkollux bizzejjed flus iddepozitati biex jaghmlu tajjeb ghac-cekk minnu mahrug.

Illi biex wiehed jasal ghal soluzzjoni ta' din il-kwistjoni, wiehed irid jezamina n-natura guridika tac-cekk.

Il-Kodici De Rohan kien diga' jsemmi l-istrumenti tal-kreditu, u l-Qrati taht dak ir-regim kienu spiss jikkwotaw lil guristi bhal Baldasseroni, Brenton, Chitty, Steward Kids u ohrajn. Il-ligi kienet tigi interpretata principalment fuq awturi Inglizi u kontinentali.

Wara l-Kodici De Rohan, giet promulagata Ordinanza XIII tal-1857 li d-disposizzjonijiet taghha llum saru artikli 123 sa 263 tal-Kodici Kummercjali, L-Ewwel Parti, Titlu VII intitolat *Fuq il-Kambjali, Biljetti Negozjabbli jew Promissory Notes, u Mandati jew Cheques fuq Bankiera jew Kaxxiera*; li ghandu Subtitolu I intitolat *Fuq Il-Kambjali* u Subtitolu II intitolat *Fuq il-Bijletti Negozjabbli jew Promissory Notes, u Mandati jew Cheques fuq Bankiera jew Kaxxiera*;

L-ebda tibdil ma sar fil-ligi Maltija mill-1857 'l hawn minkejja sviluppi konsiderevoli fl-Ingilterra u fuq il-kontinent Ewropew.

Fl-Ingilterra, din il-materja hija regolata mill-Bills of Exchange Act 1882 u mic-Cheques Act 1957 li jirregola wkoll cekkijiet li ma jkunux gew girati. Artiklu 73 tal-att tal-1882 jiddefinixxi car u tond cekk bhala kambjala: *A cheque is a bill of exchange drawn on a banker payable on demand. Except as otherwise provided in this part, the provisions of this Act applicable to a bill of exchange payable on demand apply to a cheque*. Artiklu 75 tal-imsemmija att tal-1882 jaghti eccezzjoni ghar-regoli tal-kambjala fir-rigward ta' *stop-payment* ta' cekkijiet: *the duty and authority of a banker to pay a cheque drawn on him by his customer are determined by (1) countermand of payment (2) notice of customer's death.*

Ghandu jigi nnotat lik din l-eccezzjoni **ma tinstabx fil-ligi Maltija**.

Minkejja dan, fl-Ingilterra dahlet il-prattika li l-klijent jiffirma ftehim miktub mal-bank li ma jwaqqafx cekkijiet.

Il-Kodici Napuljun ma kienx jirregola c-cekkijiet.

Ghall-ewwel, Malta kellha ligi iktar progredita mill-bqija tal-Ewropa. Skond artiklu 245 tal-Ordinanza XIII tal-1857 (illum artiklu 262(1) tal-Kodici Kummercjali):

*Il-mandati jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera ghandu jkun fihom id-data, is-somma li ghandha tithallas, u jistghu isiru li jithallsu lill-persuna msemmija bl-isem, jew ghall-ordni taghha, jew ghall-purtatur.*

Minn din id-disposizzjoni, jidher li l-ligi Maltija irrikonoxxiet ic-cekk "to Order" u "to bearer", hafna qabel ma gie rikonoxxut mil-ligi Franciza ghall-ewwel darba fil-1865.

Fil-ligi Franciza pero' kien hemm diversi zviluppi fil-materja tac-cekkijiet li kkulminaw f'ligi tal-1935 dwar ic-cekkijiet ibbazata kwazi ghal kollox fuq l-International Geneva Convention 1930. Din tippermetti li *stop payments* biss wara l-perjodu ta' tmint ijiem akkordati ghall-prezentata tac-cekk.

It-twaqqif ta' cekkijiet taht il-ligi Franciza huwa ristrett, tant li jista' jsir biss wara li jghaddi certu perjodu ta' zmien determinat biss.

Il-ligi Taljana tal-1933 dwar ic-cekkijiet giet immodellata wkoll fuq dawn il-principji.

F'Malta, l-abbozz ta' ligi dwar il-Kodici Kummercjali mressaq quddiem l-Assembleja Legislattiva fil-1926 kellu artiklu 467 li kien jghid: *until the expiration of the term* (ghaxart ijiem) *the drawer may not revoke the cheque or object to its payment, nor can he in any way dispose of the sum deposited with the drawee to the extent of the amount of the cheque itself.* L-abbozz kien jghid ukoll li l-provedimenti tal-kambjali kien japplika ghac-cekkijiet salvi derogi specifici. L-imsemmi artiklu 467 qatt ma sar ligi.

Malta u l-Ingilterra huma l-unici zewg pajjizi li m'humiex firmatarji tal-konvenzjoni ta' Geneva dwar il-kambjali u c-cekkijiet. Bhala rizultat ta' dan, il-ligi Maltija ghadha tiddependi fuq il-kuncetti u l-ligi kif kienet fil-1857.

Mhux biss il-ligi Ingliza, imma anke l-awturi kontinentali tas-seklu dsatax kienu jikkunsidraw ic-cekk bhala kambjala: Skond Ferri, *Diritto Commerciale*, cekk huwa *un titolo di credito all'ordine o al portatore*

*contenente l'ordine diretto ad una banca di pagare al possessore del titolo secondo la legge di circolazione la somma portata dall'assegno.* De Semo, *Diritto Cambiario*, jghid li *l'assegno bancario e' un titolo cambiario, all'ordine o al portatore, letterale, formale, autonomo, astratto, contenente l'ordine incondizionato, rivolto ad un banchiere, presso il quale l'emittente ha fondi disponibili adeguati, di pagare a vista la somma che vi e' menzionata; vincolante solidalmente tutti i firmatori verso il portatore e munito di forza esecutiva.*

Naturalment hemm xi differenzi bejn cekk u kambjala: filwaqt li l-mandat tat-traent ta' kambjala ma jistax jigi revokat u t-trattarju jista' jirrifjuta li jaccetta l-kambjala minkejja li jkun inghata l-flus (salvi il-jeddijiet tat-traent kontrih), ic-cekk huwa xi drabi kkunsidrat bhala mezz ta' pagament u, fir-relazzjoni bejn id-drawer u l-bank (it-trattarju tac-cekk) id-dritt tat-traent li jirrevoka l-mandat tieghu giet sa certu punt ammessa kif fuq spjegat.

Fid-dawl ta' dawn id-differenzi, tqum il-kwistjoni jekk il-bank huwiex semplici mandatarju tat-traent, li allura jista' fi kwalunkwe hin jirrevoka l-inkariku tieghu appuntu billi jaghmel *stop payment*. Din hija tabilhaqq ir-relazzjoni guridika li jidher li tezisti fil-kaz ta' cekkijiet intestati **payee only**; effettivament dan l-istrument qajla jista' jigi kkunsidrat bhala cekk veru u proprju ghax fir-realta huwa biss ordni lill-Bank biex ihallas persuna specifika. U billi ma jistax jigi trasferit, mhux strument ta' kreditu. Izda meta cekk ikun mahrug **to order**, u allura jista' jigi trasferit lil terzi, isir strument ta' kreditu; il-bank ma jibqax sempliciment mandatarju; u jkollu l-prezunzjoni tal-ezistenza ta' fondi sufficjenti f'idejn il-bank; ghalhekk ir-relazzjoni bejn il-klijent u l-bank hija dik ta' **ordni**. Difatti, l-kliem *le mandat pur et simple de payer* fil-Konvenzjoni ta' Ginevra giet tradotta bil-kelma **ordine** fl-ilsien Taljan. Dak li vulgarment jissejjah "depozitu" tal-klijent fil-bank huwa fir-realta' self lill-Bank mill-klijent. Ghalhekk ir-relazzjoni ta' bejniethom mhix dik tal-mandatarju li fuq prokura tal-principal tieghu jiehu mill-flus iddepozitati ghandu biex ihallas lil kreditur tal-principal, imma hija ordni mit-traent li fuqu taqa' r-responsabilta' ahharija ghall-pagament promess bic-cekk. Taht il-ligi kambjarja, tali ordni mhix revokabbli ghax altrimenti tigi mminnata l-awtonomija tal-kambjala.

Il-gurisprudenza Maltija dejjem irrikonoxxiet ic-cekk bhala kambjala:

***Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon (Appell, 15.10.1875, Vol VII.448)*** stabbiliet li *e' certo che anche i cheques sopra banchieri o cassieri, <u>quando all'ordine e sono stati negoziati</u>* (sottolinear tat-Tribunal) *per via di girata, come nel caso, l'atto della girata si converte in cambiale – e quindi sono applicabili a siffatti cheques le regole concernanti per*

*mancanza di pagamento, quando non sono debitamente pagati, come nel caso di una cambiale.*

Certament is-sentenza ewlenija fil-materja ta' stop-payment hija ***Daniel sive Danny Cremona ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Nazzareno sive Ronnie Zammit u Roger Ruggier (Appell Inferjuri, 03.04.1992)*** qalet hekk:

*Din il-Qorti taqbel mal-Perit Gudizzjarju* (li kien il-wisq kompjant Professur Joseph Micallef) ………*li r-relazzjonijiet ta' bejn it-traent u t-trattarju m'humiex in realta' ta' Principal u Mandatarju, izda ta' ghoti ta'* ordnijiet mit-traent li ghandu r-responsabilita' fl-ahhar li jhallas u jonora c-cheque;

*Din il-Qorti taqbel ukoll mieghu li l-Bank ghandu prezunzjoni u obbligazzjoni implicita li jhallas u l-accettazzjoni hija kkunsidrata legalment li avverat ruhha mal-prezentata tac-cheque ... ....cheque ghandu l-prezunzjoni tal-ezistenza tal-fondi ghand it-trattarju;*

*... .....in materja ta' Cheques ghal dak li jirrigwarda stop payments fil-ligi Maltija wiehed ghandu jhares lejn il-ligi tal-kambjalijiet peress li ma tezisti* ebda disposizzjoni ad hoc u li **partikolarment f'kaz ta' cheque "to order" dan ghandu jigi kkunsidrat bhala soggett ghal-ligi kambjarja** (sottolinear ta' dan it-Tribunal);

Il-Qorti tal-Appell qalet ukoll li l-ligi Ngliza dwar li stop payment mhix applikabbli ghal Malta.

L-istess Qorti qalet ukoll li *l-uzanza tal-istop payment, li ghalkemm certament prattikata, din il-Qorti ma thossx li tista' tikkonsidraha bhala li tammonta ghal uzu kummercjali; anke ghaliex tmur direttament kontra d-disposizzjonijiet u n-natura tal-ligi kummercjali nostrana li ghandha tipprevali.*

Wara l-prolazzjoni ta' **Cremona vs Zammit** fuq indikata, l-uzanza tal-istop payment fuq semplici rikjesta tal-klijent tal-bank imsemmija mill-Qorti twaqqfet mill-banek lokali, li llum jaghtu stop payment biss fil-kaz ta' telf jew serq tac-cekk.

Bl-istop payment, it-traent ikun qieghed joqtol dak li huwa kkreja minghajr il-kunsens tal-pussessur li llum ghandu strument negozzjabbli f'idejh.

Fiz-zewg kawzi msemmija, ic-cekk kien "to order" (bhal fil-kaz prezenti) u ggirat (li mhux il-kaz fl-istanti). Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha fl-ahhar kawza citata, ma ddistingwietx bejn cheque to order iggirat u

cheque to order mhux iggirat. Jista' jibqa' dubbju ghalhekk jekk tabilhaqq din is-sentenza tapplikax ukoll ghall-kaz prezenti.

Kif qal l-abbli perit legali, il-Professur J Micallef, fi **Cremona vs Zammit**: *it-titolu kambjarju appena jinholoq jigi immedjatament perfett u effikaci u l-effikacja tal-obbligazzjoni tikkoincidi malli dan jitpogga fic-cirkolazzjoni. Ghalhekk ir-rilaxx tat-titolu jikkostitwixxi* **condicio iuris** *ghall-effikacja tal-obbligazzjoni kambjarja. Bhala regola l-kambjala mhix revokabbli hlief bid-distruzzjoni tal-forma.* M'hemmx ghalfejn jigi ggirat biex isir strument ta' kreditu. Ghalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-sentenza msemmija tapplika wkoll ghall-kaz istanti. F'dan il-kuntest, bir-rispett kollu, ma tidhirx preciza l-istqarrija **f'Sammut vs Falzon** fuq citata fis-sens li *l'atto della girata si converte in cambiale*.

Apparti fiz-zewg kawzi fuq imsemmija, il-Qrati taghna applikaw ir-regoli tal-kambjali f'diversi aspetti ghac-cekkijiet: ***Farrugia vs White*** *(XVII.iii.56)* ***fir-rigward ta' falsifikazzjoni ta' cekkijiet; Deguara vs Wicker (XXXIX.iii.853)*** fir-rigward ta' falsifikazzjoni fil-girata (endorsement) ta' cekkijiet; u **f'Dennison noe vs Tonna (XXVI.iii.691)** ghall-girata tac-cekkijiet. Dan kollu juri kemm il-Qrati taghna dejjem ikkunsidraw ic-cekkijiet bhala forma ta' kambjala.

Fl-istanti, ghalkemm ma gie esibit ebda cheque, it-Tribunal jassumi li kien cheque kif normalment jinhareg mill-banek, u cioe' **or order.**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-Bank of Valleta plc kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' disgha u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmi (Lm89.52) lill-bank attur.

In vista tad-diffikulta' legali f'dan il-kaz, spejjez jibqghu bla taxxa.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur